



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 28 ta' Awissu 2006 (04.09)
(OR. fr)**

12312/06

PUBLIC 27

NOTE

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL
ĠUNJU 2006

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' atti legiſlattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2006. Dan hu akkompanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu lill-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, u r-regoli tal-votazzjoni applikabbli;
- fl-**Anness III**, lista ta' l-att l-oħrajn ¹ adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2006, b'referenza, fejn xieraq, għar-riżultati tal-vot, spjegazzjonijiet tal-vot u għad-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll disponibbli permezz ta' l-Internet (<http://consilium.europa.eu>); ara taħt "Dokumenti", imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (<http://register.consilium.europa.eu>).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti legiſlattivi li huma awtentiċi. Estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu wkoll mid-Dipartiment tat-Trasparenza (transparency@consilium.europa.eu).

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

ĠUNJU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2732 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-1 u t-2 ta' Ġunju 2006				
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness 12 ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14a tal-Manwal Komuni dwar il-miżati li għandhom jiġu imposti, korrispondenti ma' l-ispejjeż amministrattivi ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viża	8558/06 + REV 1 (lt) + COR 1 (en) + COR 2 (lv) + COR 3		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief Kontra: Greċja, Ungerija, Svezja
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fil-fruntieri esterni, ibbażata fuq l-għarfien unilaterali mir-Repubblika Ċeka, mill-Estonja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Ungerija, minn Malta, mill-Polonja, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' transitu mit-territorji tagħhom	PE-CONS 3609/06		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ĠUNJU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fil-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Isvizzera u l-Liechtenstein għal skop ta' transitu mit-territorji tagħhom L-2733 laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fl-1 u t-2 ta' Ġunju 2006	PE-CONS 3610/1/06 REV 1 + REV 1 COR 1 (el)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 51/2006, fir-rigward tal-putassu u l-aringi	9249/06	87/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 95/2/KE dwar l-additivi ta' l-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa u d-Direttiva 94/35/KE dwar is-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa għall-użu foġġetti ta' l-ikel.	PE-CONS 3663/05 + COR 1 (sv) + COR 2 (fi) + COR 3 (lv) + COR 4 (el) + REV 1 (de)	88/06, 89/06, 90/06, 91/06, 92/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħliet Kontra: Belġju, Danimarka, Olanda

ĠUNJU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2734 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fis-7 ta' Ġunju 2006				
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir- rigward tal-bidu u t-tkomplija tan-negozju ta' l- istituzzjonijiet ta' kreditu (mill-ġdid)	PE-CONS 3669/05 + COR 1 (it) + COR 2 + REV 1 (sv) + REV 2 (hu) + REV 3 (el)	93/06, 94/06, 95/06, 96/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir- rigward ta' l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpanniji ta' investiment u ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (mill-ġdid)	PE-CONS 3670/05 + COR 1 + COR 2 (hu) + REV 1 (sv) + REV 2 (el)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ĠUNJU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2735 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjonijiet u Enerġija) fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2006 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru	PE-CONS 3681/05 + COR 1 + COR 2 + COR 3 (pt) + COR 4 (es) + COR 5 (fr) + COR 6 (fr) + COR 7 (nl) + COR 8 (fr) + REV 1 (lt) + REV 1 COR 1 (lt) + REV 2 (fi) + REV 2 COR 1 (fi)	97/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ĠUNJU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2739 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fid-19 ta' Ġunju 2006				
Regolament tal-Kunsill li jadotta r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea	9248/06		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards ta' kummerċjalizzazzjoni għal laħam tat-tjur	9434/06 + COR 1		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill dwar standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd	9433/06 + COR 1	98/06, 99/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1673/2000, rigward l-għajjnuna għall-ipproċessar tal-kittien u l-qanneb ikkoltivati għall-fibra, u r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, rigward il-qanneb eliġibbli għall-iskema tal-pagament uniku	9870/06 + COR 1 (nl) + COR 2 (fr)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief Astensjonijiet: Repubblika Ċeka

ĠUNJU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza	10017/06 + COR 1 (fr)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief Kontra: Ċipru
L-2740 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tas-27 ta' Ġunju 2006				
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1035/2001 li jistabbilixxi skema ta' dokumentazzjoni dwar il-qabdiet għal <i>Dissostichus spp.</i>	6609/06 + COR 1 (fi) + REV 1 (lv)	100/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief Astensjonijiet: Ir-Renju Unit
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali	9990/06 + COR 1 (en) + COR 2 (hu) + COR 3 (fr) + COR 4 (da)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ĠUNJU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd	9993/06		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/38/KE fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni ta' l-aġġustamenti tat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għas-servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni u xi servizzi forniti b'mezzi elettroniċi	10272/1/06 REV 1 + REV 2 (el) + COR 1 (de) + COR 2 (nl)		Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 2037/2000 fir-rigward tas-sena bażi għall-allokazzjoni tal-kwoti ta' idoklorofluworokarbonji fir-rigward ta' l-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004	PE-CONS 3613/06 + REV 1 (lt)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief Astensjonijiet: Ungerija

DIKJARAZZJONI 87/06**Dikjarazzjoni minn Franza**

"Franza jiddispjaċiha ħafna dwar il-mod diskriminatorju li bih l-Kummissjoni ttrattat it-talbiet magħmula fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru għal kondizzjonijiet speċjali (derogi) dwar in-numru massimu ta' ġranet fuq il-baħar għall-użu ta' ċertu tagħmir. Franza tiġbed l-attenzjoni li f'dikjarazzjoni li hi annessa mal-minuti tal-Kunsill, u parti integrali tal-kompromess, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex teżamina malajr it-talba ta' Franza fid-dawl ta' l-evidenza xjentifika provduta minn Franza.

Franza tiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, sal-lum il-ġurnata, għadha ma rrispettatx dak l-impenn, minkejja l-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu d-*data* meħtieġa fi żmien debitu, parti minnha qabel il-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru 2005.

Franza għalhekk itteni t-talbiet tagħha u tenfasizza l-urġenza tagħhom. Hija tikkonferma l-evidenza xjentifika li turi l-ġustifikazzjoni għal dawn it-talbiet u tenfasizza l-importanza kbira tagħhom għall-attivitajiet tal-flottot ta' skala żgħira kkonċernati. Hija tagħmel sejħa lill-Kummissjoni biex tagħmel kull ma hu possibbli biex din il-kwistjoni tiġi risolta b'mod sodisfaċenti."

DIKJARAZZJONI 88/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Fil-kuntest tal-ħidma dwar Direttiva tal-Kummissjoni speċifika relatata ma' ikel ta' l-isports, inklużi xorb ta' l-isports, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tindirizza l-kwistjoni ta' l-użu ta' dolċifikanti f'tali prodotti."

DIKJARAZZJONI 89/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tiddikjara li hija ser tagħmel użu sħiħ tal-kompetenza tagħha biex tadotta miżuri ta' emerġenza taħt il-Kapitolu IV, it-taqsima 2 "Emerġenzi" tar-Regolament 178/2002/KE (Il-Liġi dwar l-Ikel), jekk l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tagħti parir li addittiv ta' l-ikel m'huwiex sigur għall-konsumatur."

DIKJARAZZJONI 90/06

Dikjarazzjoni tal-Kunsill

"Il-Kunsill jikkunsidra li l-użi kollha ta' addittivi tad-diossidu tas-sulfat u s-sulfiti għandhom jiġu riveduti biex jiġi żgurat li t-teħid aċċettabbli ta' kuljum (ADI) ma jiġix maqbuż . Huwa jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tagħti bidu għal dan l-eżami malajr kemm jista' jkun."

Dikjarazzjoni mid-Danimarka

"Id-Danimarka ġeneralment tappoġġa r-regoli komuni dwar l-additivi u tilqa' l-inizjattiva attwali tal-Kummissjoni biex temenda r-regoli li fil-biċċa l-kbira huma bbażati fuq il-parir xjentifiku għall-użu ta' additivi. Id-Danimarka – li kif inhu magħruf minn dejjem kienet kontra r-regoli attwali ta' l-UE dwar nitriti u nitrati minħabba l-proprietajiet karċinoġeniċi ta' dawn is-sustanzi, u li tħalliet mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-UE żżomm ir-regoli nazzjonali f'dak il-qasam – ilha tistenna bil-ħeġġa b'interess kbir l-emendi proposti tal-Kummissjoni. Madankollu, id-Danimarka ma setgħatx tappoġġa la l-proposta u lanqas it-test ta' kompromess li tpoġġa' għall-votazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill. Id-Danimarka tikkunsidrah bħala titjib fuq ir-regoli attwali li l-użu ta' nitriti u nitrati minn issa 'l quddiem ser jiġi rregolat f'termini ta' ammont miżjud minflok ta' ammont residwu. Madankollu, id-Danimarka ma setgħatx tendersja l-proposta, peress li fil-fehma tagħha l-valuri ta' limitu permissibbli għall-użu ta' nitriti u nitrati huma għoljin wisq u għalhekk ikomplu jmorru kontra l-parir xjentifiku mogħti inter alia mill-EFSA. Barra minn hekk, id-Danimarka tieħu l-fehma li dawn ir-regoli jmorru wisq lil hinn fir-rigward ta' prodotti manifatturati b'mod tradizzjonali li m'għadhomx jikkostitwixxu grupp ta' prodotti definit b'mod ċar u minuri."

DIKJARAZZJONI 92/06

Dikjarazzjoni mill-Belġju

"Il-Belġju ma jistax jivvota favur dan l-abbozz ta' Direttiva. Għalkemm aħna nappoġġaw il-parti l-kbira ta' l-abbozz ta' Direttiva, għandna riżerva dwar it-tabella ta' reviżjoni proposta għan-nitrit u n-nitrat fi prodotti tal-laħam. Għalkemm aħna konna lesti nilqgħu titjib u għamilna proposti kostruttivi matul id-diskussjonijiet, issa qegħdin niffaċċjaw il-problema li r-regoli riveduti kif finalment proposti huma estremament diffiċli biex jinftiehm, fihom kontradizzjonijiet u fihom livelli massimi anqas protettivi għas-saħħa pubblika. Għaldaqstant, hu fl-interess tal-konsumaturi, ta' l-awtoritajiet u tal-kumpanniji li tingħata preferenza għal-leġislazzjoni armonizzata attwali (id-Direttiva 95/2 oriġinali) aktar milli l-proposta ta' reviżjoni."

DIKJARAZZJONI 93/06

Dikjarazzjoni minn Franza

"Minkejja li Franza tappoġġa t-test, hi tixtieq tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-integrazzjoni finanzjarja ta' l-Ewropa bħala wieħed mill-obiettivi ta' l-Unjoni Ewropea skond l-Aġenda ta' Lisbona u l-Pjan ta' Azzjoni dwar Servizzi Finanzjarji (PASF). F'dan ir-rigward, Franza għadha favur il-prinċipju ta' superviżjoni konsolidata, li tħalli lis-sorveljanti l-għażla li jitolbu kalkolu tal-proporzjon fuq bażi individwali jew sub-konsolidata fejn is-sitwazzjoni prudenzjali tal-grupp hekk ġustifikata, kif ukoll koeffiċjent standard (jiġifieri 0%) għal espożizzjoni intra-grupp, irrISPettivament minn jekk sussidjarji jinsabu fl-istess Stat Membru jew f'ieħor. Sabiex ir-restrizzjonijiet fuq l-istituzzjonijiet ma jirriżultawx fi żvantaġġ kompetittiv għall-banek Ewropej li joperaw fil-livell internazzjonali, huwa essenzjali li l-klawżoli "rendez-vous" li t-test jipprevedi fir-rigward ta' dawn il-punti jagħmlu mod li jkun possibbli li jsir progress lejn approċċ aktar integrat."

DIKJARAZZJONI 94/06

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

"L-Ungerija tilqa' l-approċċ il-ġdid għal adegwatezza tal-kapital fis-settur finanzjarju, li jiżgura li istituzzjonijiet ta' kreditu u kumpanniji ta' l-investiment ikunu jistgħu jużaw metodi b'sensittività akbar tar-riskji għall-kalkolu tal-ħtiġiet tal-kapital. L-approċċ il-ġdid jikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' l-istabbiltà finanzjarja globali.

Madankollu, l-Ungerija tixtieq tfakkar lill-Istati Membri dwar il-fatt li l-għażla li ma jiġux applikati ħtiġiet fuq bażi individwali għal impriża prinċipali, skond l-Artikolu 69(3), jista' jkollha effetti mhux mixtieqa fuq is-sussidjarji tagħha fi Stati Membri oħrajn. L-Ungerija hija ta' l-opinjoni li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw tali rinunzja biss jekk l-istituzzjonijiet kollha ta' grupp joperaw fl-istess Stat Membru uniku."

DIKJARAZZJONI 95/06

Dikjarazzjoni mill-Finlandja

"Il-Finlandja tiddikjara li hija ser tapplika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jassenjaw setgħat ta' diskrezzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fl-għażla ta' alternattivi regolatorji soġġett għar-restrizzjonijiet neċessarji li huma meħtieġa mill-Kostituzzjoni Finlandiża meta s-setgħat leġislattivi li jappartjenu lill-Parlament Finlandiż jiġu delegati lil awtoritajiet oħrajn.

Il-Finlandja tiddikjara li hija ser tapplika l-Artikolu 136 tad-Diretiva [Miktuba mill-ġdid 2000/12/KE] soġġett għar-restrizzjonijiet neċessarji li għandhom jiġu applikati għal kwalunkwe eżerċizzju ta' awtorità pubblika permezz tal-Kostituzzjoni Finlandiża."

DIKJARAZZJONI 96/06

Dikjarazzjoni mill-Polonja

"Il-Polonja tikkunsidra li l-ilħuq ta' ftehim dwar id-Direttiva dwar il-ħtiġiet ta' kapital miktuba mill-ġdid tikkostitwixxi pass importanti lejn it-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni dwar Servizzi Finanzjarji. Id-Direttiva l-ġdida għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju bl-introduzzjoni ta' approċċ imtejjeb għall-kalkolu tal-ħtiġiet ta' kapital.

Madankollu, il-Polonja tixtieq li jiġi rreġistrat it-tħassib tagħha dwar il-formulazzjoni ta' l-Artikolu 69(3) (u, b'konsegwenza, anki ta' l-Artikolu 69(4)) tad-Direttiva msemmija. Fil-fehma tagħna, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tista' twassal għal sitwazzjoni fejn sussidjarja jkollha tiggarrantixxi bir-riżorsi ta' kapital tagħha stess is-sigurtà ta' l-impriża prinċipali tagħha. Tali Prattika jista' jkollha konsegwenzi negattivi għall-attivitajiet u l-funzjonament effettiv tas-sussidjarji, u - konsegwentement - għall-istabbiltà globali tas-sistema finanzjarja ta' Stat Membru ospitanti."

DIKJARAZZJONI 97/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni bi ħsiebha teżamina l-possibbiltà tat-tisħiħ tad-drittijiet eżistenti taħt id-dritt Komunitarju, nazzjonali jew internazzjonali ta' passiġġieri ta' l-ajru li s-siġġijiet bir-roti tagħhom jew tagħmir ieħor għall-mobbiltà tagħhom jiġu meqruda, danneġġati jew mitlufa waqt li jkunu qed jiġu ttrattati f'ajruport jew waqt it-trasport abbord inġenju ta' l-ajru. Ser jiġi mniedi studju rispettiv sabiex tiġi indirizzata b'mod partikolari l-kwistjoni ta' limiti ta' kumpens għal tagħmir jew apparat danneġġat jew mitluf. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tirraporta dwar dan l-istudju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa l-1 ta' Jannar 2008. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni ser tagħmel il-proposti leġislattivi adegwati."

DIKJARAZZJONI 98/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 11(4)

"Il-Kummissjoni tiddikjara li l-formulazzjoni fl-Artikolu 11(4), kif distribwit fil-laqgħa tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura fis-6 ta' Ġunju 2006, hu intiż li jippermetti lill-Kummissjoni żżomm l-istatus quo fir-rigward ta' l-immarkar tal-bajd."

DIKJARAZZJONI 99/06

Dikjarazzjoni mill-Polonja, appoġġata mir-Repubblika Ċeka, mil-Litwanja u mill-Finlandja

"Il-Polonja tikkunsidra li l-bajd tal-klassi B għandhom jiġu mmarkati b'mod li jippermetti lill-konsumaturi u lin-negozjanti jiddistingwu l-bajd tal-klassi A mill-bajd tal-klassi B. Dan hu meħtieġ għall-prevenzjoni ta' prattiċi ta' frodi fil-kummerċ u għall-protezzjoni ta' l-interess tal-konsumaturi."

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

"Ir-Renju Unit jemmen li d-definizzjonijiet il-ġodda mniżżla f'dan ir-Regolament mhumiex adegwati meta jiġu applikati għall-movimenti intra-Komunitarji tat-toothfish. Għalhekk l-astensjoni tar-Renju Unit tirrifletti l-fatt li r-Renju Unit ma kellux diffikultajiet bil-prinċipju ta' l-abbozz tar-Regolament, iżda qies xi kontenut tekniku tat-test bħala inadegwat.

Ir-Renju Unit jemmen li l-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija ser ikun sorpassat mir-Regolament tal-Kunsill.

L-emendi proposti għar-Regolament tal-Kunsill KE Nru 1035/2001 jirriflettu dawk adottati mis-CCAMLR fil-Miżura ta' Konservazzjoni tagħha 10-05 f'Novembru 2005. Madankollu, dawk id-definizzjonijiet jikkawżaw diffikultajiet tekniċi meta jiġu applikati għall-moviment intra-Komunitarju. It-termini "esportazzjoni" u "ri-esportazzjoni" jirreferu espliċitament mhux biss għat-"territorju ġeografiku taħt il-kontroll ta' Stat", iżda wkoll għal "żona ta' kummerċ ħieles ta' żbark" u "għaqda doganali". Madankollu, id-definizzjoni ta' "importazzjoni" ma tgħid xejn dwar dawn it-termini ta' l-aħħar u tirreferi biss għat-"territorju ġeografiku taħt il-kontroll ta' Stat". L-inkorporazzjoni verbatim tad-definizzjoni ta' "importazzjoni" adottata mis-CCAMLR fil-liġi Komunitarja tidher għalhekk li taqleb il-prattika sal-lum li tqis il-moviment intra-komunitarju bħala ma jikkostitwixxix "importazzjonijiet".

Aħna nemmnu li d-definizzjoni ta' "importazzjoni" fir-Regolament imissha, kif xieraq, ġiet imfassla skond il-ħtieġijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE. Nemmnu li dan seta' sar b'emendi minuri għar-Regolament mingħajr bl-ebda mod ma jnaqqas mill-ħsieb wara l-Miżura ta' Konservazzjoni tas-CCAMLR."

ĠUNJU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
L-2732 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-1 u t-2 ta' Ġunju 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan 9204/06 L-2733 laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fl-1 u t-2 ta' Ġunju 2006 Reviżjoni ta' l-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-UE tal-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing - Konklużjonijiet tal-Kunsill 9468/06 + ADD 1 Is-saħħa tan-nisa - Konklużjonijiet tal-Kunsill 9502/06 Il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani u l-prevenzjoni tad-dijabete tat-tip 2 - Konklużjonijiet tal-Kunsill 9505/06 Valuri u prinċipji komuni fis-sistemi tas-saħħa ta' l-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill 9504/06	Astensjonijiet: Ġermanja

ĠUNJU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
L-2734 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fis-7 ta' Ġunju 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Indoneżja dwar il-kompiti, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indoneżja) (Il-Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh - AMM) u tal-persunal tagħha 9118/06 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/643/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indoneżja) (Il-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' Aceh - MMA) 9363/06 L-2735 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjonijiet u Enerġija) fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru 8589/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Multilaterali bejn l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, is-Serbja u l-Montenegro, ir-Rumanija u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA) 8823/06 + COR 1 + COR 2 (de) + COR 3 (nl) + REV 1 (hu) + REV 1 COR 1 (hu), 9694/2/06 REV 2 + COR 1 (pt) + REV 2 ADD 1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru 5034/2/06 REV 2 + REV 3 (en) + REV 4 (el) + REV 5 (fi), 10000/06 L-2736 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-12 ta' Ġunju 2006	

ĠUNJU 2006

ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-attivitajiet ta' l-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' l-Armi tal-Qerda tal-Massa 9381/06 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1540 (2004) fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' l-Armi tal-Qerda tal-Massa 9515/06 + COR 1 (en) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-bidu ta' l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b' appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess elettorali (Operazzjoni EUFOR RD Kongo) 9652/06 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX 9255/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar fisem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra 8155/06 + COR 1, 8164/06 + COR 1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra 8139/06 + COR 1, 8154/06 + COR 1	

ĠUNJU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE fir-rigward ta' l-awdituri esterni tal-Banque de France 9146/06 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 9059/06 + COR 1 (cz) + COR 3 (it) + COR 4 (fr) + REV 1 (de) + REV 2 (es) + REV 3 (fr) + ADD 1, 9872/06 + ADD 1 Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1784/1999 9060/06 + COR 1 (nl) + REV 1 (es) + REV 2 (fr) + REV 3 (it) + ADD 1, 9874/06 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (EGTC) 9062/06 + COR 1 (fi) + COR 2 (it) + REV 1 (nl) + ADD 1, 9875/06 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 L-2739 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fid-19 ta' Ġunju 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill li tadatta l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija rigward l-iżvilupp rurali 9605/06 Deċiżjoni tal-Kunsill li tadatta l-Anness VIII għall-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija 9608/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina ta' l-1991 fil-qasam tal-Biedja fil-Muntanji. 10052/06	

ĠUNJU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' sistemi tal-kamera tat-televiżjoni li joriġinaw fil-Ġappun. 9736/06 L-2740 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fis-27 ta' Ġunju 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija, il-Protokoll dwar l-Enerġija u l-Protokoll dwar it-Turiżmu għall-Konvenzjoni Alpina 10193/1/06 REV 1 Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar Kodiċi ta' Kondotta dwar dokumentazzjoni ta' trasferiment ta' prezzijiet għal intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (EU TPD) 9738/06 + COR 1 (de) + COR 2 (fr) + COR 3 (nl) + COR 4 (da) + COR 5 (fi), 12695/04 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Gabon 10256/06 + COR 1 (fr) Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/631/KE li tadotta miżuri li jikkonċernaw il-Liberja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE fil-każ ta' emerġenza speċjali 10116/06 + COR 1 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar kontributi ulterjuri ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' soluzzjoni tal-kunflitt fil-Ġeorġja/l-Ossetia tan-Nofsinhar 10183/06	

ĠUNJU 2006

ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldata, tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mill-Kroazja, ir-Rumanija, ir-Russja u l-Ukraina, li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2320/97 u (KE) Nru 348/2000, u jtemm ir-reviżjonijiet interim u ta' skadenza tad-dazji anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldata tal-ħadid jew ta' l-azzar mingħajr liga li joriġinaw, fost l-oħrajn, fir-Russja u r-Rumanija u jtemm ir-reviżjonijiet interim tad-dazji anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldata tal-ħadid jew ta' l-azzar mingħajr liga li joriġinaw, fost l-oħrajn, fir-Russja u r-Rumanija u fil-Kroazja u l-Ukraina 10243/06 + REV 1 (en) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja 9644/06 + COR 1 (en) + COR 2 (fi) + COR 3 (da) + REV 1 (en) + REV 1 COR 1 (en) + REV 2 (fr) + REV 3 (de) + REV 4 (hu) + REV 5 (mt) + REV 6 (nl) + REV 7 (fi) + REV 9 (lv) + REV 9 COR 1 (lv) + REV 10 (pl) + REV 11 (fi) Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) 6284/06 + ADD 1, 10436/06 + ADD 1 REV 1 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi u li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 797/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE 7524/06 + COR 1 (fr) + REV 1 (mt) + REV 2 (lt) + REV 3 (hu) + REV 4 (nl) + REV 5 (el) + REV 6 (es) + REV 7 (hu) + REV 7 COR 1 (hu) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (en) + ADD1 COR 2 (en), 10411/06 + COR 1 + ADD 1	Kontra: Latvja, Slovenja, Svezja, ir-Renju Unit Astensjonijiet: Awstrija, Estonja, Ungerija, Litwanja, Lussemburgu Kontra: Belġju, Olanda

ĠUNJU 2006	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar l-aprossimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward il-klassifikazzjoni, l-ippakkettar u t-tikkettar ta' sustanzi perikolużi biex tiġi adattata għar-Regolament (KE) Nru.../2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi 7525/06 + REV 3, 10412/06 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1, 7524/06 ADD 1 + ADD 1 COR 1 (en) + ADD 1 COR 2 (en) Proċedura bil-miktub konklufa fit-30 ta' Ġunju 2006 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill adottata mill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (2004/0055 (COD) 7535/06 + REV 1 (es) + REV 1 COR 1 (es) + REV 2 (lt) + COR 1 (pt) + COR 2 (et) + COR 3 (fr) + COR 4 (en) + COR 5 (sv) + COR 6 (lv) + COR 7 (de) + COR 8 (fr) + COR 9 (el) + ADD 1 + ADD 1 REV 1 (hu) + ADD 1 REV 2 (lt) + ADD 2 + ADD 2 REV 1 (hu) + ADD 2 REV 2 (lt) + ADD 3 + ADD 3 REV 1 (es) + ADD 3 REV 1 COR 1 (es) + ADD 3 REV 2 (hu) + ADD 3 REV 3 (lt) + ADD 3 COR 1 (fr) + ADD 4 + ADD 4 REV 1 (es) + ADD 4 REV 1 COR 1 (es) + ADD 4 REV 2 (hu) + ADD 4 REV 3 (lt) + ADD 4 COR 1 (fr) + ADD 5 + ADD 5 REV 1 (hu) + ADD 5 REV 2 (lt) + ADD 6 + ADD 6 REV 1 (hu) + ADD 6 REV 2 (lt) + ADD 7 + ADD 7 REV 1 (hu) + ADD 7 REV 2 (lt) + ADD 8 REV 1 + ADD 8 REV 1 COR 1, 10414/06 + ADD 1 Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-parteeipazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-immaniġġar tal-kriżi fil-Bosnja u Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA) 10391/06 + COR 1 (en) + COR 2 (et)	Astensjonijiet: Polonja